

— tikkundanna l-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Azzedine Alaïa (Pariġi, Franzja)

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikors huwa intiż li jannulla parzjalment id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 9963 finali, tal-15 ta' Diċembru 2009, dwar miżura ta' ġħajnuna mill-Istat E-2/2005 u N 642/2009 (Il-Pajjiżi l-Baxxi) — ġħajnuna eżistenti għal kumpanniji għall-akkomodazzjoni soċjali u ġħajnuna partikolari għal kull proġett.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti ssostni, l-ewwel nett, li d-deċiżjoni kkontestata hija inkompatibbli mal-Artikolu 107(1) TFUE inkwantu l-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq interpretazzjoni żbaljata tal-kundizzjonijiet ta' imputabbiltà sabiex tikkonkludi li s-self tar-rikorrenti jikkostitwixxi ġħajnuna mill-Istat,

It-tielet nett, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata hija inkompatibbli mal-Artikolu 107(1) TFUE inkwantu l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq evalwazzjoni żbaljata tal-fatti sabiex tikkonkludi li s-self tar-rikorrenti mħwiex konformi mal-kundizzjonijet tas-suq u għalhekk għandu natura preferenzjali.

It-tielet nett, ir-rikorrenti tinvoka ksur tal-prinċipju ta' motivazzjoni u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba inkwantu l-Kummissjoni kkonkludiet favur l-eżistenza ta' ġħajnuna mill-Istat billi aċċettat l-argumenti tal-awtoritajiet pubbliċi Olandiżi dwar is-self tar-rikorrenti.

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Marzu 2010 — El Corte Inglés vs UASI — Azzedine Alaïa (ALIA)

(Kawża T-152/10)

(2010/C 148/73)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: El Corte Inglés, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: J. Rivas Zurdo, avukat, u M. López Camba u E. Seijo Veiguela, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI,
- tikkundanna lill-parti jew partijiet li jikkontestaw dan ir-rikors għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Ir-rikorrenti.

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark verbali "ALIA" (Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 3 788 999), għal prodotti fil-klassijiet 3, 14, 18 u 25.

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Il-kumpannija Franċiża Azzedine Alaïa.

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Trade mark verbali internazzjonali "ALAIA" (Nru 773 126), għal prodotti fil-klassijiet 3, 18 u 25; trade mark figurattiva Komunitarja li tinkludi l-element verbali "ALAIA" (Nru 3 485 166), għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 16, 20 u 25; trade mark preċedenti mhux irreġistrata "ALAIA", għall-produzzjoni u bejgħ ta' prodotti għall-ilbies u prodotti għan-nisa u aċċessorji tal-modha.

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni parzjalment milquġha.

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Appell miċħud.

Motivi invokati: Interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 dwar it-trade mark Komunitarja.